V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2023/C 6/05)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Tintilia del Molise"

PDO-IT-A0677-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 26.10.2022

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Deroga għall-produzzjoni u għat-tqaddim tal-inbejjed fiż-żona ġeografika demarkata**

L-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-DOP tal-inbejjed Tintilia del Molise tipprevedi l-emenda li ġejja:

Fl-Artikolu 5 – "Standards għall-produzzjoni tal-inbid", is-subparagrafu 1 li ġej:

"1. L-operazzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbid, inkluż it-tqaddim tat-tipi ta' nbid imsemmija fl-Artikolu 1, iridu jitwettqu fiż-żona tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 3.",

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operazzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbid, inkluż it-tqaddim tat-tipi ta' nbid imsemmija fl-Artikolu 1, iridu jitwettqu fiż-żona tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 3.".

Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjonijiet tradizzjonali, huwa awtorizzat li t-tali operazzjonijiet jitwettqu fit-territorju tal-muniċipalitajiet ġirien ta' Campomarino u Termoli fil-provinċja ta' Campobasso.".

RAĠUNIJIET:

F'konformità mad-deroga prevista fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/33, l-operazzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbid, inkluż it-tqaddim, jistgħu jitwettqu wkoll fiż-żona tal-produzzjoni demarkata, anki fi stabbilimenti li jinsabu qrib ħafna tat-territorju amministrattiv kollu tal-muniċipalitajiet ġirien ta' Campomarino u Termoli fil-provinċja ta' Campobasso.

Din l-emenda saret sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet ta' produzzjoni tradizzjonali mill-operaturi fit-territorji muniċipali msemmija hawn fuq.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5(1) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-Taqsima 9 tad-Dokument Uniku -REKWIŻITI OĦRA APPLIKABBLI (IPPAKKJAR, TIKKETTAR, REKWIŻITI ADDIZZJONALI).

2. **Bdil tal-Korp ta' Kontroll**

Il-korp ta' kontroll inbidel u issa sar Società Agroqualità S.p.A. – Società per la certificazione della qualita nell'agroalimentare. Dan il-korp ta' kontroll huwa awtorizzat mill-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u Forestali, skont l-Artikolu 64 tal-Liġi Nru 238/2016, biex iwettaq kontroll annwali għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Tintilia del Molise

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Tintilia del Molise rosso

DESKRIZZJONI QASIRA

Kulur: aħmar rubin intens, b'laqtiet fil-vjola;

riħa: tad-dwieli, intensa, pjaċevoli, distintiva;

togħma: xotta, armonjuża, ratba, distintiva;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,5 % tal-volum;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 21 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. Tintilia del Molise rosato

DESKRIZZJONI QASIRA

Kulur: roża ftit jew wisq qawwi;

riħa: ħafifa ta' frott;

togħma: xotta, friska, armonjuża, ta' frott;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,5 % tal-volum;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 18 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

3. Tintilia del Molise rosso riserva

DESKRIZZJONI QASIRA

Kulur: aħmar lewn il-granata b'laqtiet fl-oranġjo;

riħa: pikkanti, intensa, distintiva;

togħma: xotta, armonjuża, ratba, distintiva;

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 13 % tal-volum;

Estratt minimu mingħajr zokkor: 23 g/l.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonforma mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Prattika relatata mal-produzzjoni tal-inbejjed

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

L-inbejjed Tintilia del Molise rosso riserva jridu jitqaddmu għal sentejn. Il-perjodu tat-tqaddim jibda fl-1 ta' Novembru tas-sena li fih ikun tkabbar l-għeneb.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Tintilia del Molise rosso u rosato

56 ettolitru għal kull ettaru

2. Tintilia del Molise rosso u rosato

8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

3. Tintilia del Molise rosso riserva

44 ettolitru għal kull ettaru

4. Tintilia del Molise rosso riserva

8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona ġeografika demarkata fl-Artikolu 3 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tinkludi l-għoljiet u l-għoljiet baxxi tal-Molise bejn il-muntanji Frentani u Matese, li jimxu lejn il-Baħar Adrijatiku bil-widien ta' Trigno, Biferno u Fortore. Iż-żona ta' produzzjoni tat-Tintilia del Molise tinkludi t-territorji adatti għall-kwalità tat-territorji kollha jew parti minnhom ta' 76 muniċipalità li jinsabu fil-provinċji ta' Campobasso u Isernia.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Tintilia N.

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Tintilia del Molise

It-territorju kkonċernat, li huwa madwar terz tat-territorju reġjonali, għalkemm għandu topografija u pedoloġija pjuttost omoġenji, il-kundizzjonijiet klimatiċi huma kemxejn varjati, b'temperatura annwali medja ta' 13,5–14,8 °C u xita annwali medja ta' 696,8–1 067 mm, li, flimkien man-natura differenti tal-ħamrija u mal-esponiment, jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kwalità tal-għeneb u tal-varjetajiet ta' dwieli kkonċernati. Il-varjetà Tintilia hija indiġena u għandha karatteristiċi definiti sew u li jintgħarfu faċilment li, bis-saħħa tal-interazzjonijiet tanġibbli bejn l-ambjent, il-prattiki ta' kultivazzjoni u dawk enoloġiċi, jipproduċu nbejjed b'karatteristiċi tipiċi qawwija li jintgħarfu mill-ewwel.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Deroga għall-produzzjoni u għat-tqaddim tal-inbejjed fiż-żona ġeografika demarkata

Qafas ġuridiku:

Il-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga għall-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

F'konformità mad-deroga prevista fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/33, l-operazzjonijiet tal-produzzjoni tal-inbid, inkluż it-tqaddim, jistgħu jitwettqu wkoll fiż-żona tal-produzzjoni demarkata, anki fi stabbilimenti li jinsabu qrib ħafna tat-territorju amministrattiv kollu tal-muniċipalitajiet ġirien ta' Campomarino u Termoli fil-provinċja ta' Campobasso.

Dan sabiex titqies il-produzzjoni tradizzjonali mill-operaturi bbażati f'dawk it-territorji muniċipali.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/18602